MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 264/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Bartolo)**
**Vs**
**Omissis**
**Brian Mallia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli f'Malta matul dawn l-ahhar xhur u qabel Marzu tas-sena 2003, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,**
**1) fil-Marsa nhar t-tlettax ta' Mejju 2002, wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' wallet kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti, credit cards, u cheque book mahrug mill-HSBC minn go karozza tal-**

**ghamla Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni ACT 369 ghad-dannu ta' John Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;**
**2) talli fil-Floriana nhar s-sittax ta' Marzu 2003 wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li jikkonsistu f'ghodda w apparat iehor u flus kontanti li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin minn go hanut bl-isem 'Pari', li hu sitwat fi Triq San Tumas, Floriana, ghad-dannu ta' Paul Cacciattolo, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;**
**3)** talli lil Brian Mallia wahdu**, fil-jiem ta' qabel l-hmistax ta' Marzu 2003, mill-lukanda Qawra Palace, sitwata fil-Qawra, matul l-gurnata kkommetta serq semplici ta' cheque book ghad-dannu ta' Louis Mizzi ghan-nom tal-kumpanija Mallard Company Limited, u/jew l-HSBC fil-branch ta' San Pawl il-Bahar;**
**4) fix-xhur ta' qabel s-sbatax ta' Marzu 2003, f'Malta xjentement laqgha ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa jew li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;**
**5) huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Settembru, 2005, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi 18, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278, 280, 284, 334 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-akkuza ta’ serq aggravat bil-mezz u valur mill-fond Jubilee maghruf ukoll bl-isem “Pari”, kif ukoll “Jubilee” ta’ Triq San Tumas, Floriana, u ta’ serq semplici mill-lukanda Qawra Palace Hotel, u talli huwa recidiv u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sentejn (2) u sabitu mhux hati tal-akkuzi l-ohra w illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Settembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza taghha l-esponenti nstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, w tirrevokaha fejn permezz tal-istess gie kkundannat ghal sentejn prigunerija, u minflok timponi piena aktar idonea ghall-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :- li l-piena ta' prigunerija mposta fuqu mhux idonea ghac-cirkostanzi tieghu; li l-istess Qorti tal-appell Kriminali f' sentenza ohra tat-22 ta' Marzu, 2005, fil-waqt li naqqset il-piena ta' prigunerija imposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti, kienet irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jigi inserit fi programm ta' riabilitazzhjoni minnhabba l-problema tad-droga li ghandu; li ghalhekk f' gieh il-konformita' u l-gustizzja, din il-Qorti ghandha tirrispekkja dak li gja gie deciz fil-kawza l-ohra dwar il-piena u b'hekk taghti opportunita' lill-appellant biex jirriabilita ruhu u ma jikkommettix aktar reati.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena ta' sentejn prigunerija erogat mill-Ewwel Qorti. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] "**Il-Pulizija vs. Keith Rizzo" **[4.9.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi l-argument baziku tal-appellant hu li is-sentenza ghandha tonqos semplicement biex hu jkun jista' jattendi programm ta' riabilitazzjoni mid-droga. Illi din il-Qorti diga ttrattat "*funditus*" aggravju simili fis-sentenza l-ohra moghtija fis-seduta tal-lum,** "Il-Pulizija vs. Massimo Galea"**, fejn intqal :-**

***"il-Qrati ma jistghux ikunu kondizzjonati fl-applikazzjoni tal-pieni determinati fil-ligi, semplicement ghax il-hati oltre li jkun kiser diversi dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, jkun kiser ukoll xi dispozizzjoni tal-Kapitoli 31 jew 101 billi abbuza mid-droga w allura ikun inghata l-opportunita' li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni."***

***"Lodevoli w pozittiv kemm hu li wiehed jidhol ghall-programm simili – programm li x' aktarx jista' ikun inbeda' biex dak li jkun jehles xi ftit mir-riguri tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u jmur f' ambjent inqas kontrollat, dan il-fattur ma jistax iwassal biex il-hati jigi vantaggat fuq hatjin ohra li ma jkollhomx il-problema tad-droga. Inkella ser tizviluppa sitwazzjoni fejn kriminal ghax ikun, barra minn reati kontenuti fil-Kodici, jikkommetti ukoll reati konnessi mall-uzu jew abbuz tad-droga, minnflok ma jigi kastigat tar-rejita' aktar gravi tieghu, ser ikun vantaggat u privileggat fuq min ikollu htijiet inqas minnu, u ma jkunx abbuza mid-droga. Meta l-hati, oltre r-reat tal-abbuz mid-droga, ikun ikkommetta reati serji ohra, hu ghandu dejn x' jiskonta mas-socjeta' w kull programm ta' riabilitazzjoni mid-droga irid ikun kontrobilancjat mall-konsiderazzjoni li jkun irid jiskonta l-piena li jgibu maghhom tali reati ohra li igibu dannu kbir u allarm fis-socjeta' w li l-ligi kriminali tirrikjedi li jigu puniti."***

Illi f' dan il-kaz l-appellant instab hati ta' serq aggravat minn hanut, ta' serq semplici ta' cheque book minn Lukanda w tar-recidiva. Il-fatt li hu recidiv jimpedixxi lil din il-Qorti milli taghti sentenza sospiza skond l-artikolu 28A (7)(b) tal-Kap.9.

**Terga w tghid l-appellant instab hati mill-Qrati mhux inqas minn hmistax il-darba ta' reati li jvarjaw minn hafna kazi ripetuti ta' serq aggravat, ricettazzjoni, ngurji w theddid lill-ufficjali pubblici nkarikati minn servizz pubbliku, ghal reati tat-traffiku . Hu gie mpoggi taht probation tlitt darbiet, liberat b' kundizzjoni darba, mmultat diversi drabi, moghti sentenza sospiza ta' sena prigunerija taht sorveljanza darba u sentenzjat ghall-piena ta' prigunerija effettiva tlitt darbiet. B' dan ir-*record* pessimu fejn, minkejja li nghata diversi opportunitajiet li jirriforma ruhu, l-appellant mhux talli ma ghamilx hekk, izda accelera l-pass tal-hajja kriminuza tieghu, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, li fic-cirkostanzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda miti izzejjed.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata,**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------